MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2000

Rikors Numru. 1745/2000/1

**Mid-Med Bank Limited**

**vs**

**Joecar Limited et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. tal-24 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka *Contrario Imperio* ta' Digriet moghti minn din il-Qorti fl-14 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu hatret bhala kunsinnatarju tal-oggetti maqbuda bis-sahha tal-imsemmi Mandat lil Albert F. Santucci, propost mid-Direttur esekutat, u ordnat li l-istess oggetti kellhom jigu ddepositati ghandu fi zmien hmistax mid-data ta' dak id-Digriet;

Rat id-Digriet taghha tal-25 t'Awissu, 2000;

Rat ir-risposta tas-socjetajiet u persuni intimati tal-31 t'Awissu, 2000;

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti tal-4 ta' Settembru, 2000;

Rat l-artikoli 230, 286, 292, 943, 948, 949, 950 u 951 (1) , tal-Kap 12;

Rat ukoll l-atti tar-rikors tas-socjetajiet u persuni esekutati, flimkien mad-dokumenti esebiti, li wasslu ghad-Digriet ta' din il-Qorti tal-14 t'Awissu, 2000;

Ikkunsidrat:

Illi l-Bank rikorrenti, minbarra l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, kien talab u kiseb il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, li fost id-diversi sekwestratarji ndikati, kien jinkludi lir-Registratur tal-Qorti;

Illi kif tajjeb qalet il-Qorti fid-Digriet taghha tal-14 t'Awissu 2000, jidher car li l-procedura segwita wara li gie esegwit il-Mandat ta' Qbid

mertu tal-kaz ma kinitx dik stabbilita mil-ligi, jigifieri li l-oggetti maqbuda messhom gew depositati fir-registru permezz ta' cedola artikoli [286(1) u 948 tal-Kap 12] u li ghandhom jibqghu taht il-kustodja tar-Registratur;

Illi, bla ma tidhol fil-mertu ta' jekk il-hatra ta' kunsinnatarju hix applikabbli fil-kaz tal-oggetti maqbudin bl-imsemmi Mandat, din il-Qorti tqis li lanqas ghamel sewwa l-bank rikorrent li, minkejja l-hrug tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju minnu stess presentat, talab lir-Registratur tal-Qorti (wiehed mis-sekwestratarji) biex jiddisponi minn u jaghtih pussess fattwali (anke jekk fid-dieher fis-sura ta' kuntratt ta' depositu) tal-istess oggetti milquta bil-Mandat;

Illi l-Bank rikorrenti huwa l-kreditur esekutant tal-Mandat kawtelatorju u z-zamma min-naha tieghu tal-oggetti maqbuda permezz tal-istess Mandat minghand dak li huwa jippretendi li hu d-debitur tieghu ma jidhirx li hija haga xierqa u mixtieqa mil-ligi;

Illi r-Registratur tal-Qorti, fit-twegiba tieghu, irrimetta ruhu ghall-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa li taghti fir-rigward bla ma oppona ghall-ebda wahda mit-talbiet tal-kontendenti;

Illi l-ligi tippreskrivi b'mod car x'ghandu jsir minn depositi kbar fid-daqs jew fl-ghadd li ghalihom m'hemmx wisgha fir-Registru [artikolu 949 (2) tal-Kap 12], kif u meta tali depositi jistghu jigu disposti jew mehlusa [artikolu 950] u min iwiegeb ghalihom [artikolu 951 (1)], u din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandux jigi mhares dan kollu anke f'dan il-kaz;

GHALDAQSTANT:

Wara li rat l-artikolu 230 tal-Kap 12, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. billi tirriforma d-Digriet taghha tal-14 t'Awissu, 2000, fis-sens li:

(a) tirrevokah kwantu pprovdiet ghall-hatra ta' Albert F. Santucci bhala kunsinnatarju, u

(b) tikkonfermah kwantu ordnat li l-oggetti maqbuda bis-sahha tal-Mandat ma jibqghux izjed fil-pussess tal-Bank rikorrent;

(c) tordna li l-Bank rikorrent ghandu, fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol mid-data ta' dan id-Digriet, jghaddi l-oggetti suggett tal-Mandat f'idejn ir-Registratur tal-Qorti li, min-naha tieghu, ghandu jara li l-istess oggetti jigu depositati debitament permezz ta' cedola kif imsemmi fl-artikoli 286 (1) u 948 (1) tal-Kap 12, u jibqghu taht il-kustodja tieghu fil-lok xieraq li jigi provdut ghalihom skond il-ligi jew f'kull post iehor li joghgob lill-istess Registratur;

(d) tordna li, kwantu ghaz-zamma, assikurazzjoni u harsien ta' liema oggetti, dan isir a spejjez provvizorji tar-rikorrent esekutant, bla hsara tal-jedd tal-istess Bank li jithallas lura tali spejjez minghand id-debituri esekutati jew min minnhom skond l-esitu tal-proceduri li, in kawtela taghhom, inhareg l-imsemmi Mandat; u

(e) ghall-finijiet tal-artikolu 292 (3), taghti lid-debituri intimati l-fakolta' li, fuq talba ghal daqshekk u a spejjez taghhom, ikunu jistghu jitolbu li jsiru accertamenti dwar il-kundizzjoni jew il-funzjonament mekkaniku tal-oggetti hekk kustoditi.

Spejjez ta' dawn l-atti bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------